

**DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI****tas-16 ta' Ġunju 2014****li tistabbilixxi lista ta' programmi ta' kooperazzjoni u tindika l-ammont globali tal-appoġġ totali mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għal kull programm taħt l-għan ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea għall-perjodu 2014–2020**

(notifikata bid-dokument C(2014) 3776)

(2014/366/UE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 1299/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għall-appoġġ mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali għall-għan <sup>(1)</sup>, ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 4 tiegħu,Wara li kkonsultat il-Kumitat ta' Koordinazzjoni għall-Fondi Strutturali u ta' Investiment Ewropej stabbiliti bl-Artikolu 150(1) tar-Regolament (UE) Nru 1303/2013 tal-Parlament u tal-Kunsill tas-17 ta' Diċembru 2013 li jstabbilixxi dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali u l-Fond Marittimu u tas-Sajd Ewropew u li jstabbilixxi d-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew, il-Fond ta' Koeżjoni u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi u s-Sajd u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1083/2006 <sup>(2)</sup>,

Billi:

- (1) L-Artikolu 4(1) tar-Regolament (UE) Nru 1299/2013 jindika r-riżorsi globali disponibbli għall-għan territorjali Ewropew u d-distribuzzjoni tagħha fost il-kooperazzjoni transfruntiera, il-kooperazzjoni transnazzjonali u l-kooperazzjoni interreġjonali.
- (2) Skont l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) Nru 1299/2013, il-Kummissjoni kkomunikat lil kull Stat Membru s-sehem tiegħu tal-ammonti globali għal kooperazzjoni transfruntiera u transnazzjonali imqasma sena b'sena skont il-kriterji u l-metodoloġija stabbiliti f'dak l-Artikolu.
- (3) Skont l-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) Nru 1299/2013, abbażi tal-ammonti kkomunikati, kull Stat Membru informa lill-Kummissjoni jekk u kif huwa uża l-għażla ta' trasferiment previst fl-Artikolu 5 ta' dak ir-Regolament u d-distribuzzjoni riżultanti ta' fondi fost il-programmi transfruntiera u transnazzjonali li l-Istat Membru jipparteċipa fihom.
- (4) Skont l-Artikolu 4(4) tar-Regolament (UE) Nru 1299/2013, il-kontribuzzjoni mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) għall-programmi transfruntiera u tal-baċini tal-baħar bl-Istrument Ewropew ta' Viċinat (ENI) il-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 232/2014 tal-Parlament u tal-Kunsill <sup>(3)</sup> u l-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 231/2014 tal-Parlament u tal-Kunsill <sup>(4)</sup> għandha tiġi stabbilita mill-Kummissjoni u l-Istati Membri konċernati. Billi l-ammonti li jikkonċernaw il-kontribuzzjoni mill-FEŻR lil programmi transfruntiera u dawk tal-baċini tal-baħar taħt l-ENI għadhom mhumiex miftiemha, din id-Deċiżjoni tistabbilixxi l-ammonti għal IPA II biss.
- (5) L-Artikolu 4(3) tar-Regolament (UE) Nru 1299/2013 jipprovdi li l-Kummissjoni għandha tadotta deċiżjoni li tistabbilixxi l-lista tal-programmi kollha ta' kooperazzjoni u tindika l-ammont globali tal-appoġġ totali tal-FEŻR għal kull programm.
- (6) Huwa għalhekk meħtieġ li ssir il-lista ta' programmi ta' kooperazzjoni u jiġi indikat l-ammont globali tal-appoġġ totali tal-FEŻR għal kull programm,

<sup>(1)</sup> ĠUL 347, 20.12.2013, p. 259.<sup>(2)</sup> ĠUL 347, 20.12.2013, p. 320.<sup>(3)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 232/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jstabbilixxi Strument Ewropew ta' Viċinat (ĠUL 77, 15.3.2014, p. 27).<sup>(4)</sup> Ir-Regolament (UE) Nru 231/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 2014 li jstabbilixxi Strument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) (ĠUL 77, 15.3.2014, p. 11).

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Il-lista tal-programmi ta' kooperazzjoni transfruntiera u l-ammont globali tal-appoġġ totali tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) għal kull programm ikunu kif stabbiliti fl-Anness I.

*Artikolu 2*

Il-lista tal-programmi ta' kooperazzjoni transfruntiera u l-ammont globali tal-appoġġ totali tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) għal kull programm ikunu kif stabbiliti fl-Anness II.

*Artikolu 3*

Il-lista tal-programmi ta' kooperazzjoni interreġjonali u l-ammont globali tal-appoġġ totali tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) għal kull programm ikunu kif stabbiliti fl-Anness III.

*Artikolu 4*

Il-kontribuzzjoni mill-FEŻR għall-programmi transfruntieri bl-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II) fil-kamp ta' applikazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 231/2014 għal kull Stat Membru tkun kif stabbilita fl-Anness IV.

*Artikolu 5*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Ġunju 2014.

*Għall-Kummissjoni*  
Johannes HAHN  
*Membru tal-Kummissjoni*

## ANNEX I

**Lista ta' programmi ta' kooperazzjoni transfruntiera b'indikazzjoni tal-ammont globali tal-appoġġ totali tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) għal kull programm ta' kooperazzjoni transfruntiera**

EUR, preżżijiet attwali

Nru	Nru tas-CCI	Isem tal-programm	Pajjiżi	Kontribuzzjoni FEŻR globali
1	2014TC16RFCB001	(Interreg V-A) NL-BE-DE — Belgju-Ġermanja-il-Pajjiżi l-Baxxi (Euregio Meuse-Rhin/Euregio Maas-Rijn/Euregio Maas-Rhein)	BE-DE-NL	96 000 250
2	2014TC16RFCB002	(INTERREG V-A) AT-CZ — Awstrija-Repubblika Ċeka	AT-CZ	97 814 933
3	2014TC16RFCB003	(INTERREG V-A) SK-AT Slovakkja-l-Awstrija	SK-AT	75 892 681
4	2014TC16RFCB004	(Interreg V-A) AT-DE — Awstrija- Ġermanja/ Bavaria (Bayern-Österreich)	AT-DE	54 478 064
5	2014TC16RFCB005	(Interreg V-A) ES-PT — Spanja-Portugal (POCTEP)	ES-PT	288 977 635
6	2014TC16RFCB006	(Interreg V-A) ES-FR — Spanja-Franza – Andorra (POCTEFA)	ES-FR-AD	189 341 397
7	2014TC16RFCB007	(Interreg V-A) ES- PT- Spanja-Portugal (Madeira-Açores-Canarias (MAC))	ES-PT	66 675 837
8	2014TC16RFCB008	(Interreg V-A) HU -HR- l-Ungerija-il-Kroazja	HU-HR	60 824 406
9	2014TC16RFCB009	(Interreg V-A) il-Ġermanja/il-Bavarja-ir-Repubblika Ċeka	DE-CZ	103 375 149
10	2014TC16RFCB010	(Interreg V-A) AT-HU l-Awstrija-l-Ungerija	AT-HU	78 847 880
11	2014TC16RFCB011	(Interreg V-A) il-Ġermanja/Brandenburg-Polonja	DE-PL	100 152 579
12	2014TC16RFCB012	(Interreg V-A) PL-SK Polonja — Slovakkja	PL-SK	154 988 723
13	2014TC16RFCB013	(Interreg V-A) il-Polonja-id-Danimarka-il-Ġermanja-il-Litwanja-l-Isvezja (BALTIKU TAN-NOFSINHAR)	PL-DK-DE-LT-SE	82 978 784
14	2014TC16RFCB014	(INTERREG V-A) il-Finlandja-l-Estonja-il-Latvja-l-Isvezja (Baltiku Ċentrali)	FI-EE-LV-SE	122 360 390
15	2014TC16RFCB015	(Interreg V-A) HU-SK — Slovakkja — Ungerija	SK -HU	155 808 987
16	2014TC16RFCB016	(Interreg V-A) SE-NO — Svezja-Norveġja	SE-NO	47 199 965
17	2014TC16RFCB017	(Interreg V-A) il-Ġermanja/is-Sassonja-ir-Repubblika Ċeka	DE-CZ	157 967 067
18	2014TC16RFCB018	(Interreg V-A) il-Polonja-il-Ġermanja/is-Sassonja	PL-DE	70 000 069
19	2014TC16RFCB019	(Interreg V-A) DE-PL Ġermanja/Mecklenburg-Pomeranja tal-Punent /Brandenburg-Polonja	DE-PL	134 000 414

EUR, preżżijiet attwali

Nru	Nru tas-CCI	Isem tal-programm	Pajjiżi	Kontribuzzjoni FEŻR globali
20	2014TC16RFCB020	(Interreg V-A) EL-IT — Greċja-Italja	EL-IT	104 700 362
21	2014TC16RFCB021	(Interreg V-A) RO-BG — Rumanija-Bulgarija	RO-BG	215 745 513
22	2014TC16RFCB022	(Interreg V-A) EL-BG — Greċja-Bulgarija	EL-BG	110 241 234
23	2014TC16RFCB023	(Interreg V-A) DE-NL — Ġermanja- il-Pajjiżi l-Baxxi	DE-NL	222 159 360
24	2014TC16RFCB024	(Interreg V-A) il-Ġermanja-l-Awstrija-l-Isvizzera-il-Liechtenstein (Alpenrhein-Bodensee-Hochrhein)	DE-AT-CH-LI	39 588 430
25	2014TC16RFCB025	(Interreg V-A) CZ-PL — ir-Repubblika Ċeka-Polonja	CZ-PL	226 221 710
26	2014TC16RFCB026	(Interreg V-A) l-Isvetzja-id-Danimarka-in-Norveġja (Øresund-Kattegat-Skagerrak)	SE-DK-NO	135 688 261
27	2014TC16RFCB027	(Interreg V-A) LV-LT — Latvja — Litwanja	LV-LT	54 966 201
28	2014TC16RFCB028	(Interreg V-A) l-Isvetzja-il-Finlandja-in-Norveġja (Botnia-Atlantika)	SE-FI-NO	36 334 420
29	2014TC16RFCB029	(Interreg V-A) SI-HR — Slovenja-Kroazja	SI-HR	46 114 193
30	2014TC16RFCB030	(Interreg V-A) SK-CZ is-Slovakkja-ir-Repubblika Ċeka	SK-CZ	90 139 463
31	2014TC16RFCB031	(Interreg V-A) LT-PL — il-Litwanja-il-Polonja	LT-PL	51 488 135
32	2014TC16RFCB032	(Interreg V-A) l-Isvetzja-il-Finlandja-in-Norveġja (Nord)	SE-FI-NO	41 951 870
33	2014TC16RFCB033	(Interreg V-A) l-Italja-Franza (Marittima)	IT-FR	169 702 411
34	2014TC16RFCB034	(Interreg V-A) IT-FR — l-Italja-Franza (ALCO-TRA)	IT-FR	198 876 285
35	2014TC16RFCB035	(Interreg V-A) IT-CH — L-Italja-L-Isvizzera	IT-CH	100 221 466
36	2014TC16RFCB036	(Interreg V-A) IT-SI — L-Italja-is-Slovenja	IT-SI	77 929 954
37	2014TC16RFCB037	(Interreg V-A) IT-MT — L-Italja u Malta	IT-MT	43 952 171
38	2014TC16RFCB038	(Interreg V-A) Franza-il-Belġju-il-Pajjiżi l-Baxxi-ir-Renju Unit (Les Deux Mers/Two seas/Twee Zeeën)	FR-NL-BE-UK	256 648 702
39	2014TC16RFCB039	(Interreg V-A) Franza-il-Ġermanja-l-Isvizzera (Rhin supérieur-Oberrhein)	FR-DE-CH	109 704 965
40	2014TC16RFCB040	(Interreg V-A) FR-UK — Franza-ir-Renju Unit (Manche — Channel)	FR-UK	223 046 948
41	2014TC16RFCB041	(Interreg V-A) FR-CH Franza-L-Isvizzera	FR-CH	65 890 505
42	2014TC16RFCB042	(Interreg V-A) IT-HR — L-Italja-il-Kroazja	IT-HR	201 357 220

EUR, prezzijiet attwali

Nru	Nru tas-CCI	Isem tal-programm	Pajjiżi	Kontribuzzjoni FEŻR globali
43	2014TC16RFCB043	(Interreg V-A) Franza (Saint Martin-Sint Maarten)	FR	10 000 000
44	2014TC16RFCB044	(Interreg V-A) BE-FR Il-Belġju- Franza (Franza-Vallonja-Fjandri)	BE-FR	169 977 045
45	2014TC16RFCB045	(Interreg V-A) Franza-il-Belġju-il-Ġermanja-il-Lussemburgu (Grande Région/Großregion)	FR-BE-DE-LU	139 802 646
46	2014TC16RFCB046	(Interreg V-A) il-Belġju-il-Pajjiżi l-Baxxi (Fjandri-Nederland)	BE-NL	152 575 585
47	2014TC16RFCB047	(Interreg V-A) UK-IE — Ir-Renju Unit- l-Irlanda (Irlanda- l-Irlanda ta' Fuq -Skozja)	UK- IE	240 347 696
48	2014TC16RFCB048	(Interreg V-A) IE-UK — L-Irlanda-ir-Renju Unit (Irlanda Wales)	IE-UK	79 198 450
49	2014TC16RFCB049	(Interreg V-A) HU-RO — l-Ungerija-ir-Rumanija	HU-RO	189 138 672
50	2014TC16RFCB050	(Interreg V-A) EE-LV — l-Estonja-il-Latvja	EE-LV	38 020 684
51	2014TC16RFCB051	(Interreg V-A) Franza (Majott/Comores/Madagaskar)	FR	12 028 883
52	2014TC16RFCB052	(Interreg V-A) IT-AT — l-Italja-l-Awstrija	IT-AT	82 238 866
53	2014TC16RFCB053	(Interreg V-A) SI-HU — Is-Slovenja-l-Ungerija	SI-HU	14 795 015
54	2014TC16RFCB054	(Interreg V-A) SI-AT Is-Slovenja-l-Awstrija	SI-AT	47 988 355
55	2014TC16RFCB055	(Interreg V-A) EL-CY — Il-Greċja — Ċipru	EL-CY	45 961 551
56	2014TC16RFCB056	(Interreg V-A) DE-DK — Il-Ġermanja-id-Danimarka	DE-DK	89 634 975
57	2014TC16RFPC001	L-Irlanda-ir-Renju Unit (PEACE)	IE-UK	229 169 320
58	Fl-ambitu tal-kooperazzjoni transnazzjonali tal-Karibew	(Interreg V-A) Franza (Guadeloupe-Martinique-Organizzazzjoni Ekonomika tal-Istati tal-Karibew Orjentali)	FR	41 129 656
59	Fl-ambitu tal-kooperazzjoni transnazzjonali tal-Oċean Indjan	(Interreg V-A) Franza (Réunion-Pays de la Commission de l'Océan Indien)	FR	41 384 802
60	Fl-ambitu tal-kooperazzjoni transnazzjonali tal-Amazonja	(Interreg V-A) Franza/Gujana-Brażil-Surinam (Amazonja)	FR	14 075 183
			<b>TOTAL:</b>	<b>6 597 822 373</b>

## ANNEX II

**Lista ta' programmi ta' kooperazzjoni transfruntiera b'indikazzjoni tal-ammont globali tal-appoġġ totali tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) għal kull programm ta' kooperazzjoni transfruntiera**

EUR, preżżijiet attwali

Nru	Nru tas-CCI	Isem tal-programm	Stati Membri	Pajjiżi mhux Stati Membri	Kontribuzzjoni FEŻR globali
1	2014TC16M4TN002	(Interreg V-B) ADRIJATIKU-JONJU	Il-Greċja — Il-Kroazja — l-Italja — is-Slovenja	L-Albanija — il-Bożnja u Herzegovina — il-Montenegro — is-Serbja	83 467 729
2	2014TC16RFTN001	(Interreg V-B) L-ISPAZJU TAL-ALPI	Il-Ġermanja — Franza — l-Italja — l-Awstrija — is-Slovenja	L-Isvizzera — il-Liechtenstein.	116 635 466
3	2014TC16RFTN002	(Interreg V-B) Iż-Żona tal-Atlantiku	Spanja — Franza — l-Irlanda — il-Portugall — ir-Renju Unit	Mhux Disponibbli	140 013 194
4	2014TC16M5TN001	(Interreg V-B) IL-BAĦAR BALTIKU	Id-Danimarka — il-Ġermanja — l-Estonja — il-Latvja — il-Litwanja — il-Polonja — il-Finlandja — l-Isvvezja	Il-Belarus — in-Norveġja — ir-Russja	263 830 658
5	2014TC16RFTN008	(Interreg V-B) IŻ-ŻONA TAL-KARIBEW	Franza	Diversi pajjiżi terzi u pajjiżi jew territorji barranin	23 163 249
6	2014TC16RFTN003	(Interreg V-B) L-EWROPA ĊENTRALI	Ir-Repubblika Ċeka — il-Ġermanja — l-Italja — il-Kroazja — l-Ungerija — l-Awstrija — il-Polonja — is-Slovenja — is-Slovakkja	Mhux Disponibbli	246 581 112
7	2014TC16M6TN001	(INTERREG V-B) ID-DANUBJU	L-Awstrija — il-Bulgarija — ir-Repubblika Ċeka — il-Ġermanja — il-Kroazja — l-Ungerija — ir-Rumanija — is-Slovenja — is-Slovakkja	Il-Bożnja u Herzegovina — il-Montenegro — is-Serbja il-Moldova -l-Ukraina	202 095 405
8	2014TC16RFTN009	(Interreg V-B) L-OĊEAN INDJAN	Franza	Diversi pajjiżi terzi u pajjiżi jew territorji barranin	21 772 585
—	Biex jiġi inkluż fil-CBC MAC	MAC (Madeira-Açores-Canarias)	Spanja — il-Portugall	Mauritania- Kap Verde — Is-Senegal	43 986 995
9	2014TC16M4TN001	(Interreg V-B) MEDITERRAN	Greċja — Spanja — Franza — il-Kroazja — l-Italja — Ċipru — Malta — il-Portugall — is-Slovenja — ir-Renju Unit	L-Albanija — il-Bożnja u Herzegovina — il-Montenegro	224 322 525

EUR, prezzijiet attwali

Nru	Nru tas-CCI	Isem tal-programm	Stati Membri	Pajjiżi mhux Stati Membri	Kontribuzzjoni FEŻR globali
10	2014TC16RFTN004	(Interreg V-B) PERIFERIJA TAT-TRAMUNTANA u L-ARTIKU	L-Irlanda — il-Finlandja — l-Isvezja — ir-Renju Unit	Diversi pajjiżi terzi u territorji oħra	50 209 899
11	2014TC16RFTN005	(Interreg V-B) IL-BAĦAR TAT-TRAMUNTANA	Il-Belġju — id-Danimarka — il-Ġermanja — il-Pajjiżi l-Baxxi — l-Isvezja — ir-Renju Unit	In-Norveġja	167 253 971
12	2014TC16RFTN006	(Interreg V-B) L-EWROPA TAL-MAJJISTRAL	Il-Belġju — il-Ġermanja — Franza — l-Irlanda — il-Lussemburgu — il-Pajjiżi l-Baxxi — ir-Renju Unit	L-Isvizzera	396 134 342
13	2014TC16RFTN010	(Interreg V-B) AMAZONJA	Franza	Il-Brażil — is-Surinam — il-Gujana	4 823 866
14	2014TC16RFTN007	(Interreg V-B) L-EWROPA TAL-LBIĊ	Spanja — Franza — il-Portugall — ir-Renju Unit	Andorra	106 810 523
15	2014TC16M4TN003	(Interreg V-B) MEDITERRAN TAL-BALTIKU	Il-Bulgarija — Greċja — Ċipru	L-Albanija -Dik li kienet ir-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja	28 330 108
				<b>TOTAL:</b>	<b>2 119 431 627</b>

## ANNEX III

**Lista ta' programmi ta' kooperazzjoni interreġjonali b'indikazzjoni tal-ammont globali tal-appoġġ totali tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) għal kull programm ta' kooperazzjoni interreġjonali**

EUR, preżżijiet attwali

Nru	Nru tas-CCI	ISEM TAL-PROGRAMM	Stati Membri	Stati li mhumiex membri	Kontribuzzjoni FEŻR globali
1	2014TC16RFIR001	INTERREG EUROPE	L-Istati Membri kollha	L-Isvizzera-in-Norveġja	359 326 320
2	2014TC16RFIR002	INTERACT	L-Istati Membri kollha	L-Isvizzera-in-Norveġja	39 392 587
3	2014TC16RFIR003	URBACT	L-Istati Membri kollha	L-Isvizzera-in-Norveġja	74 301 909
4	2014TC16RFIR004	ESPO	L-Istati Membri kollha	L-Isvizzera-in-Norveġja L-Islanda — Il-Liechtenstein	41 377 019
<b>TOTAL:</b>					<b>514 397 835</b>

## ANNEX IV

**Kontribuzzjoni mill-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali (FEŻR) għal programmi transfruntiera taħt l-IPA II għal ċerti Stati Membri**

EUR, preżżijiet attwali

Stati Membri	TRASFERIMENT LIL IPA
Il-Bulgarija	35 362 904
Il-Greċja	49 704 421
Il-Kroazja	45 724 252
L-Italja	39 400 711
Ċipru	2 000 000
L-Ungerija	32 562 000
Ir-Rumanija	37 453 124
<b>TOTAL:</b>	<b>242 207 412</b>